MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 496/2001/1

**Philippa Kottarras**

**Vs**

**Joseph Turner**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta’ Lulju 2001 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm1,200 (elf u mitejn Lira Maltin) dovuti bhala danni kkagunati f’incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Il-vettura ta’ l-attrici, Seat Cordoba numru ta’ registrazzjoni MAN 878 kienet qed tinsaq minn binha Emanuel Kottarras fi Triq Sant’Andrija San Giljan, wara li qasmet Triq Elija Zammit.

Meta l-vettura kienet wieqfa tistenna t-traffiku jghaddi minn Triq Sant Andrija, il-konvenut li kien qed isuq il-vettura GMY 101 u li kien gej minn direzzjoni ta’ St. Andrew’s baqa` diehel ghal fuq il-vettura ta’ l-attrici.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Il-konvenut jikkontesta t-talba attrici stante:
1. Fl-avviz promotorju ma hemm ebda talba li dwarha ghandhu jiddeciedi dana t-Tribunal.
2. Minghajr pregudizzju l-incident de quo ma sehhx tort tal-konvenut imma kien Emmanuel Kottarras li ikkawza l-incident.
3. Isegwi illi m’hemmx danni x’jigu likwidati favur l-attrici.
4. Isegwi illi l-konvenut m’ghandu jaghti xejn lil attrici.

Bl-ispejjes kontra l-attrici.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi ssir referenza ghal avviz numru 1097/02 fl-ismijiet “Nazzareno Abela vs Emanuel Kottarras” li giet ceduta mill-attur stante li thallas mis-socjeta assiguratrici tal-konvenut f’dik il-kawza. Sid il-vettura misjuqa minn dak il-konvenut qed tipproponi l-kawza odjerna ghar-risarciment tad-danni lilha kagunati fil-vettura taghha.

Illi jigi ribadit li l-konvenut f’din il-kawza ma pprezentax ruhu biex jaghti x-xhieda tieghu. Illi huwa bbaza ruhu fuq il-fatt li thallset il-hsara kagunata fil-vettura minnu misjuqa (ghalkemm gie allegat li ma kienx hu li kien qed isuq fil-mument tal-habta) mis-socjeta` assiguratrici tal-attrici. Tant hu hekk li ceda l-istess avviz minnhu promoss. Jinghad pero’ illi l-fatt li sar dan bl-ebda mod u/jew manjiera d-drittijiet tal-attrici ma gew menorati. Is-socjeta` assiguratrici in forza tal-istess polza ta’ assigurazzjoni assistenti bejnha u bejn l-assigurat taghha, ghandha dritt li taghmel dan pero’ minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-istess assikurata taghha. Ghalhekk it-Tribunal irid

jinvestiga l-kaz sabiex jilhaq id-decizjoni tieghu dwar ir-responsabbilta u ammont ta’ danni.

Illi xehed f’din il-kawza x-xufier u passigier fil-vettura tal-attrici. L-ambjent tal-habta huwa rinomat u kienet ix-xita. Kif gia rilevat il-konvenut naqas li jonora dan it-Tribunal bil-presenza tieghu. Aktar u aktar meta gie allegat minn dawn iz-zewg xhieda prodotti mill-attrici li ma kienx il proprio sewwieq. Fir-risposta tieghu pero’ il-konvenut dan ma allegahx u assuma r-responsabbilta tas-sewqan. Minn ezami tax-xhieda prodotti, it-Tribunal ma jistax ma jilqax it-talbiet attrici billi kien is-sewwieq tal-mini bus li ma saqx skond ir-regolamenti u obda l-indikazzjonijiet mposti ta’ precidenza.

Dwar id-danni, li ghalkemm kontstati gew konfermati, dawn jammontaw ghal seba` mija u tmienja u sebghin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm778.60) u mhux elf u mitejn Lira Maltin (Lm1,200) kif mitluba fl-istess avviz. Da parti tieghu, l-konvenut naqas li jipprova l-kaz tieghu u/jew jikkumbatt il-kaz attur.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici u jiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghall-incident datat 22 ta’ April 2001, u jikkundannah ihallas is-somma ta’ seba` mija u tmienja u sebghin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm778.60) danni kagunati bl-interessi skond il-ligi mill-4 ta’ Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------